nsibu lit-Taljana, Dottoressa Maria Grazia Zenzani u lill-Maltija Valentina Lupo B. Cons. (Hons), li fil-każ tagħna ser ikunu r-restawraturi prinċipali.

Wara li l-Ħamis 25 ta' Settembru, 2014, għamlu żjara fil-parroċċa biex jagħmlu xogħol preliminari ta' studju fuq San Pawl, ressqu rapport (datat il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2014) u l-istimi tax-xogħol, u eventwalment ġew mistiedna biex jattendu laqgħa tal-kummissjoni li seħħet nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2014, biex jagħtu preżentazzjoni ħalli jfiehmu aħjar ir-rapport li ressqu, u jwieġbu għal xi mistoqsijiet relatati.

***Ġieli għamlu xi xogħolijiet oħra ta' restawr?***

Kemm ilu imwaqqaf uffiċċjalment, sa mill-2012, dan il-Laboratorju ħa ħsieb jirrestawra dawn l-opri artistiċi magħrufa:

- Diversi xogħolijiet li qegħdin f'kollezzjonijiet privati ta' pitturi magħrufa fosthom Francesco Zahra, Stefano Erardi u Girolamo Gianni.
- Is-Saqaf impitter tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa (2012/13);
- Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju – Żejt fuq it-tila mpitter minn Stefano Erardi lejn l-aħħar tas-seklu XVII, miżmum fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa (2014);
- L-Istatwa ta' Sant' Elena, Imperatriċi Awgusta – Statwa skolpita fl-injam minn Salvu Psaila fl-1837, miżmuma fil-Bażilka Kolleġġjata iddedikata lilha f'Birkirkara (2014).

***Fhiex ser jikkonsisti x-xogħol u kemm ġejja l-ispiża?***

Apparti t-trasport lejn il-laboratorju fil-Mosta, l-istudju u l-analiżi, ir-restawr ser ikollu diversi fażijiet fosthom: it-tisħiħ tal-injam, il-konsolidazzjoni tal-materjali, it-tindif tal-polikromija (żebgħa) u tal-induratura, l-induratura mill-ġdid ta' diversi partijiet,



***Valentina Lupo waqt intervent ta' tindif fuq statwa.***

speċjalment tal-pedestall, u l-applikazzjoni ta' verniċ biex jippreserva kollox.

Ma' dan kollu għandna l-ħsieb li nduru dawra sew in-niċċa li bħalissa diġà qed isirilha l-monitoraġġ ambjentali tagħha minn Michael Formosa M.Cons., B.Cons. (Hons), LCGI ta' *Wood Conservation and Science*.

Dan ix-xogħol kollu - Statwa, Pedestall, u Niċċa - jidher li ser jammonta għal madwar € 20,000.

***Ħu interess u agħti sehemek***

Aktar dettalji ser jingħataw 'il quddiem, speċjalment fil-preżentazzjonijiet u ż-żjarat li ser isiru kemm fil-knisja tagħna u kemm fil-laboratorju tar-restawr. **L-ewwel preżentazzjoni viżiva ser tkun nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2015, lejliet is-Solennità Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl, eżatt wara l-Quddiesa tas-6:30pm.**

Għalhekk, bla dubju nistieden lil kull parruċċan u lil dawk li għandhom għal qalbhom din ix-xbieha qaddisa, biex jattendi u jieħu interess billi jsegwi dan il-proċess xjentifiku, artistiku, kif ukoll edukattiv, u jikkontribwixxi fid-donazzjonijiet finanzjarji għal dan il-proġett ta' restawr tal-Istatwa hekk għażiża tal-Appostlu San Pawl, missierna fil-fidi.

***Il-Kappillan flimkien mal-Kummissjoni Restawr Statwa ta' San Pawl***

Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL-SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## "Tgħid x'sena ser tkun?"

Kull bidu ta' sena ġdida jqanqal fina diversi mistoqsijiet, emozzjonijiet u ħsibijiet, kemm pożittivi u kemm nagattivi: intejbu l-affarijiet li konna nagħmlu, nippjanaw aħjar, nieħdu u ngħixu deċiżjonijiet ġodda, nibdew mill-ġdid. Dan kollu imħallat mal-fatturi li nibqgħu nbatu konsegwenzi ta' mard u żbalji, minkejja li t-tama tal-ġdid nibqgħu rassenjati għar-rutina li tkaxkarna u toħnoqilna ċertu libertà, eċċ. B'dan is-sabiħ u l-ikraħ, it-tnejn tant preżenti f'ħajjitna, nistedinkom imma li nagħrfu li d-don taż-żmien, u allura din is-sena ukoll, hu okkażjoni providenzjali biex nagħmlu eżami tal-kuxjenza u naraw b'liema mod u liema prinċipji nsara nixtiequ li jispikkaw f'dan iż-żmien li ġej.

Nixtieq nippreżentalkom żewġ spunti partikulari:

***"Mhux aktar ilsiera, imma aħwa"***

Fil-Messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi li jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Jannar, il-Papa Franġisku qed jenfasizza l-fatt li aħna bħala bnedmin imsejħin biex inkunu aħwa u ngħixu hekk tabilħaqq. Aħwa, għax għandna l-istess dinjità: fi Kristu li fdiena, aħna lkoll ulied Alla. Il-Papa jixtieq iġibna konxji li l-iskjavitù, li sfortunatament għadha preżenti anke fi żmienna, m'għandux ikollha post fis-soċjetà tagħna. Fost id-diversi forom ta' skjavitù isemmi t-traffikar tal-bnedmin, il-kummerċ u l-isfruttar ta' immigranti u prostituti, ix-xogħol iebes nieqes minn paga ġusta, u l-inġustizzji ma' nisa u tfal. Hawn min minflok jitkaża, ikun hu li japprofitta ruħu minn dan. Għaldaqstant hu jsejjaħ l-iskjavitù bħala *"ġerħa miftuħa fis-soċjetà kontemporanja, u fil-Ġisem ta' Kristu stess."* Biex din il-ġerħa tfieq hemm bżonn nirrealizzaw u nġibu lil ta' madwarna konxji li l-ewwel u qabel kollox aħna aħwa, u għalhekk irridu ngħixu l-ġenerożità u l-inklussività, waqt li nippromwovu dawn il-valuri permezz tax-xhieda u l-imġiba tagħna, kif ukoll bl-edukazzjoni, bil-komunikazzjoni u bil-kultura li jirriflettu ġustizzja u paċi.

***"Irrid ngħidilkom kelma waħda u din il-kelma hi: ifirħu."***

Dan il-kliem, li żgur jagħmlilna ħafna kuraġġ, hu indirizzat primarjament lin-nies ikkonsagrati, u dan għax din is-sena l-Papa Franġisku xtaq li jiddedika għall-persuni ikkonsagrati, biex niskopru aktar is-sbuħija tal-vokazzjoni tagħhom: li jkunu kompletament ta' Alla u ta' appoġġ għall-Poplu tiegħu. Il-Papa jistieden lil kull reliġjuż biex waqt li jiġġedded fil-grazzja ta' Alla, iwieġeb b'mod leali b'ħajtu u jimtela bil-ferħ tal-Vanġelu, ferħ li ma jħalli lil ħadd bi kwietu, imma ferħ li jċaqlaq lil dak li jkun biex ifarrag u jwassal l-attenzjoni, it-tħaddin, il-ġentilezza, il-ħlewwa tal-Mulej lil dawk ta' madwaru. Matul din is-sena, bħala parroċċa ta' min nippruvaw napprezzaw aktar lil dawk li huma membri fil-ħajja reliġjuża: patrijiet u sorijiet. U dawn ta'

*ikompli f'paġna 2*

*ikompli minn paġna 1*

l-aħħar donnu Ħal Safi kien imbierek mhux ħażin bihom, kemm bil-preżenza tas-Sorijiet Dumnikani u kemm b'diversi vokazzjonijiet ma' kongregazzjonijiet oħra mxerrdin ma' pajjiżna u mad-dinja!

Jalla jkollna l-ferħ u l-paċi f'qalbna matul din is-sena li ser nibdew bil-fidi ta' nsara li aħna. Jekk nimxu bl-onestà u l-ġenerożità, il-Mulej żgur li jbierek il-preżenza u l-ħidmiet tagħna kollha u jħarisna f'kull ħin u kull mument.

***Dun David Farrugia***

# Id-Djarju tal-Parroċċa – Jannar 2015

**Il-Ħamis 1 ta' Jannar**
***Bidu ta' Sena Ġdida -***
***Solennità ta' Marija Omm Alla***
Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd.

**Il-Ġimgħa 2 ta' Jannar**
***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

**Il-Ħadd 4 ta' Jannar**
***Solennità tal-Epifanija tal-Mulej***
Fis-7:00pm - Mument ta' Talb u Ħin għall-Helpers biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.
(Din l-attività ser tkun fil-Museum tas-Subien).

**Il-Ħadd 18 ta' Jannar**
Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.

**Is-Sibt 24 ta' Jannar**
Fis-6:30pm - Quddiesa li fi tmiemha ssir Preżentazzjoni mill-*Atelier del Restauro* dwar il-Restawr Konservattiv li beda jsir lill-Istatwa u l-pedestall ta' San Pawl.

**Il-Ħadd 25 ta' Jannar**
***Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl***
Fil-5:00pm - Rużarju
Fil-5:30pm - Quddiesa solenni li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.
F'din iċ-ċelebrazzjoni jieħu sehem il-Kor '*Sine Macula',* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Pace.

**Il-Ħamis 29 ta' Jannar**
Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Ana Baldacchino
Alexander Fenech
Lionel Mifsud
Chelsea Magri



***Daħlu fil-Ħajja ta' dejjem***
Catherine Caruana
Pawla Zammit
Pawlu Dalli





**TAJJEB LI TKUN TAF**

# Restawr Konservattiv tal-Istatwa Titulari ta' San Pawl Appostlu meqjum fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi

*"Kappillan, ħudilna ħsieb ix-xbieha artistika ta' San Pawl u tal-knisja" ...*
*"Napprezza kemm ser tafdawni, nwiegħdkom li flimkien magħkom nagħmel ħilti."*

Kif stajtu tindunaw dawn ix-xhur li ilni magħkom, u li jkolli nistqarr ukoll li bil-ftit il-ftit għadni qed insir nafkom, servew biex dak il-kliem li għidt fid-dħul tal-istatwa ta' San Pawl fil-knisja nhar il-festa li għaddiet, inkompli niżnu u nistudjah sew ħalli inkun nista' nieħu azzjoni fuqu meta jkun il-waqt.

Għaldaqstant, issa bi pjaċir ninfurmakom li wasal waqt: wara li flimkien mal-kummissjoni maħtura apposta biex teżamina r-restawr ta' San Pawl, jiġifieri l-istatwa artistika skolpita mill-istatwarju Malti, Xandru Farrugia, flimkien mal-pedestall ddisinjat u maħdum minn Emanuel Buhagiar, ikkunsidrajna u ħadna pariri, u tlabna u ingħatajna l-permessi meħtieġa, aċċettajna l-proposta li ressqulna l-*Atelier del Restauro* ibbażati l-Mosta. Dawn ppreżentawlna stima raġonevoli u tawna garanzija li jekk nafdawhom b'San Pawl fil-bidu ta' dan ix-xahar ta' Jannar, ser jirrispettaw iż-żmien biex għall-festa li ġejja, jiġifieri f'Awissu 2015, San Pawl ikun lest mir-restawr.

***X'inhu l-*****Atelier del Restauro*****?***
Dan hu Laboratorju ta' restawr xjentifiku magħmul minn konservaturi Taljani u Maltin speċjalizzati fil-qasam konservattiv ta' xogħolijiet ta' arti. Fost dawn il-konservaturi



***Mix-Xellug: Maria Grazia Zenzani, Simon Dimech u Valentina Lupo.***